**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 8 ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru : 353/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**CP**

**Vs**

**VP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' CP, datat 26 ta' Lulju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huwa izzewweġ nhar it-12 ta' April 1997 bir-Reġistru taż-żwieġ il-Belt Valletta liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv X; ċertifikat anness u immarkat dok A;*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwist bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personal ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa fl-10 ta' Lulju 2001; kuntratt tas-separazzjoni anness u immarkat dok B;*

*Illi mid-data ta' separazzjoni għaddew aktar minn erbgħa snin;*

*Illi miż-żwieġ tagħhom l-partijiet kellhom wild wieħed b'isem CMP li twieled f'Y u għalhekk illum huma maġorenni; kopja taċ-ċertifikat tat-twelid anness u immarkat dok C;*

*Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni stante dekadenza reċiproka tal-partijiet u rigward il-minuri illum il-ġurnata jaħdem fuq bażi full time u ma għadux jistudja;*

*Illi llum il-ġurnata ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.*

*Għaldaqstant l-esponenti qiegħed jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara maħlul iż-żwieġ tagħhom u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ġuramentata ta' VP datata 9 ta' Awwissu 2019 (a fol 8 tal-proċess) fejn din irrispondiet hekk:

*Illi preliminarjament l-esponenti tikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn erba' snin separati u li bejniethom m'hemm l-ebda possibilita ta' rikonċiljazzjoni;*

*Illi effettivament l-esponenti taqbel ukoll illi bħala stat ta' fatt m'hemmx arretrati ta' manteniment, iżda l-istess manteniment qatt ma żdied skond iż-żieda li jagħti l-gvern għal għoli tal-ħajja sa' mis-sena 2002, u għalhekk għalkemm m'għandhiex oġġezzjoni għall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikros promotur qiegħda tippretendi li tieħu din iż-żieda;*

*Illi finalment l-esponenti topponi għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-intimata datat 26 ta' Frar 2020 li permezz tieghu l-intimata ddikjarat illi l-pendenza dwar manteniment bejn il-partijiet giet risolta u mhallsa;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

CP xehed bil-ġurament (fol 11) li huwa iżżewweġ lil V fit-12 ta' April 1997, u li minn dan iż-żwieġ twieled wild wieħed, illum maġorenni u jaħdem. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u fil-fatt il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fl-10 ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed. Illi minn dik id-data sa' llum ma kienx hemm rikonċiljazzjoni u lanqas hemm tama ta' din ir-rikonċiljazzjoni. Illi l-manteniment dejjem tħallas, pero hemm kwistjoni dwar l-għoli tal-ħajja li qatt ma thallas u pprezenta Dok NS1. Huwa xehed illi dan l-ammont tal-għoli tal-ħajja għadu dovut lil VP.

Illi fil-verbal tas-seduta tal 26 ta Frar 2020, il-partijiet, kif assistit, infurmaw lill-Qoti li il-pendenzi ta manteniment gew rezolti u imhallsa ( vide fol 15 tal-process).

VP xehdet bil-ġurament ( fol 16) u ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed zewġha CP u li thallas dak kollu dovut.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju***

***ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu fit-tnax ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin – dok A, fol 3 u li minn dan iż-żwieġ kellhom tifel illum maġorenni u jaħdem fuq bażi full time.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Gafa datat 10 ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed - dok B fol 4 - u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx, u dan kif jirriżulta mill-verbal datat 26 ta' Frar 2020 ( fol 15).

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**